# Il-Bambina dejjem għaqdet lis-Sengleani

Joseph Haber






Kont ilni ma nikteb xi ħaġa f'dan il-ktieb hekk interessanti li jkun stampat kull sena fil-ġranet tal-festa ta' Ommna Marija Bambina, iżda din is-sena reġa' avviċinani Ryan Muscat, li huwa l-persuna li jieħu ħsieb ix-xogħol kollu li jinvolvi dan il-ktieb, u ħajjarni biex nerġa' nagħti l-kontribut tiegħi b'xi artiklu, u bis-saħħa tiegħu, illum qiegħed nerġa' nikteb xi ħaġa qasira, sabiex nipprova naqsam magħkom xi memorji li għandi bħala Senglean, li għal 54 sena għext ġewwa din il-belt għażiża tagħna. Il-memorji li se nitkellem dwarhom għandhom x'jaqsmu ma' avvenimenti straordinarji li seħħew matul is-snin, fejn ġew imfakkra anniversarji b'konnessjoni mal-Istatwa tal-Bambina.

Kif kulħadd, jew kważi kulħadd jaf, wieħed mill-akbar avvenimenti li qatt seħħew ġewwa beltna b'konnessjoni mal-Bambina u li baqa' jissemma', kien bla dubju ta' xejn dak tal-4 ta' Settembru tas-sena 1921, meta kienet ġiet inkurunata b'digriet mill-Vatikan l-Istatwa tal-Bambina fix-Xatt tal-Isla.Dan l-avveniment kien seħħ fi żmien l-Arċipriet Ġużeppi Adami, u kien uniku għal dak iż-żmien, peress li għalkemm kienu ġa ġew inkurunati kwadri titulari, ma kienx daqshekk normali li jkunu inkurunati statwi titulari. Il-Bambina bħala statwa titulari kellha tkun minn tal-bidu net, jekk mhux l-ewwel waħda, li kienet inkurunata b'digriet mill-Vatikan. Smajna dwar bosta ġrajjiet li seħħew matul dik is-sena fosthom it-titlu ta' Bażilika li ngħata lill-Kolleġġjata tagħna mill-Papa Benedittu XV f'Jannar tal-istess sena. Nafu wkoll x'festi kbar kienu saru biex jibqa' mfakkar dak l-avveniment straordinarju, minn esperjenzi li dejjem smajna jirrakkontaw missirijietna, u għalhekk inkun qiegħed nirrepeti jekk nipprova nsemmi wħud miċ-ċelebrazzjonijiet u funzjonijiet li kienu saru, għax żgur li smajniehom kemm-il darba, kemm il-knisja waqt xi paniġierku, u anke naqraw fuq kotba u rivisti oħra li jispjegaw fid-dettall dak kollu li kien sar. Naturalment jien bħalkom, ma kellix ix-xorti li nkun preżenti dakinhar, però jien nista' ngħid li għandi stampa ċara ħafna, u nista' nifhem sewwa x'kien sar dakinhar u matul dik is-sena, peress li matul iż-żmien irnexxili nġemma bosta ritratti antiki, li wħud minnhom huma dwar purċissjonijiet u ċelebrazzjonijiet reliġjużi, u ta' bosta okkażjonijiet oħra li kienu jsiru ġewwa beltna fi żminijiet l-imgħoddija, speċjalment tas-snin 20 u 30.

Fl-1946, ħabat l-ewwel 25 sena mill-inkurunazzjoni tal-Bambina. Kif tafu, f'dawk is-snin l-Isla kienet għadha kif għaddiet minn esperjenza tal-biża' bil-bumbardamenti kontinwi ta' matul il-gwerra, u kien għad hawn ħerba ma' kullimkien. Għalkemm kien ġa tnaddaf ħafna mit-terrapien ta' bini mwaqqa' u t-toroq kienu ġew aċċessibbli mill-ġdid, xorta waħda l-Isla kienet qiegħda tipprova tqum fuq saqajha wara l-ħerba kbira li sofriet waqt il-ħbit mill-għadu tal-aħħar gwerra. Bil-Bażilika mġarrfa u bosta djar imwaqqgħa jew fi stat perikoluż, il-poplu Senglean kien għadu mxerred u refuġjat f'bosta rħula 'l bogħod minn belt twelidu, u ċ-ċaqliq u l-ġiri bejn raħal u ieħor xejn ma kien faċli għajr bil-mixi, peress li t-trasport f'dak iż-żmien ma kienx bħal tal-lum. Il-ħidma pastorali kienet titmexxa mill-Knisja ta' San Filippu bil-limitazzjonijiet kollha tagħha, biżżejjed wieħed jiftakar fl-armar tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, jew fi żmien il-festa l-armar l-ieħor li ried isir fuq it-taraġ ta' quddiem il-portiku tal-istess knisja, biex tkun tista' toħroġ il-Bambina. Iċ-ċokon tal-Knisja ta' San Filippu kien joffri sfida, għalkemm wieħed irid jgħid li l-funzjonijiet li kienu jsiru qabel fil-Bażilika matul is-sena, baqgħu jsiru kollha anke f'din il-knisja. F'dawn iċ-ċirkustanzi kollha wieħed ftit li xejn seta' jistenna li jsiru xi festi





*L-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina fix-Xatt tal-Isla, nhar l-4 ta' Settembru 1921*



kbar biex jiġi mfakkar dak l-avveniment hekk importanti. Però xorta saret funzjoni simili bħal dik li kienet saret fl-1921, għalkemm ma kienx hemm paragun bejn waħda u l-oħra. Kienet intramat tribuna wkoll fix-xatt, u l-funzjoni prinċipali saret taħtha bil-preżenza tal-Istatwa tal-Bambina, u għalkemm il-poplu Senglean kien għadu muġugħ bil-feriti li ħalliet fuqu l-gwerra, xorta ġie bi ħġaru biex jagħti ġieħ lill-Bambina. Dan juri biċ-ċar kemm il-poplu Senglean, anke fl-aktar żminijiet diffiċli u ta' qtugħ il-qalb, xorta ra kif għamel sabiex juri l-imħabba kbira li dejjem kellu lejn Ommna Marija Bambina.

Anniversarju ieħor li kien ta' importanza kbira fl-Isla, kien għeluq il-50 sena mill-inkurunazzjoni tal-Bambina, jew kif ħafna baqgħu jsejħulha bħala s-Sena tal-Warda, peress li għal din l-okkażjoni kienet saret fergħa bi tliet wardiet



*Dehra tal-folla preżenti għall-funzjoni li kienet saret fix-Xatt tal-Isla fl-1946*



*Il-fergħa bil-ward tad-deheb li tpoġġiet f'riġlejn il-Bambina fis-sena 1971*

xejn sew, u għalkemm ingħata ċ-ċans sa nofsinhar biex jaraw jirranġawx xi ftit, kollox baqa' kif kien. Sħab tqil u iswed kien qiegħed jiksi l-inħawi kollha tal-Kottonera, u x-xita bdiet ukoll nieżla u dejjem iżżid. Għalhekk kien ġie deċiż li kollox kellu jsir fil-Bażilika. Tistgħu timmaġinaw ix-xogħol u t-taħbit tal-voluntiera, biex f'ħin veru ristrett kellhom ibiddlu l-pjanijiet kollha. Infatti bdew iġorru f'dak il-maltemp, dak kollu li kien ġa armat ix-xatt, u jerġa' jintrama mill-ġdid fil-Bażilika. Iċ-ċerimonja saret filgħaxija u l-knisja kienet imballata bin-nies, li għal darb'oħra ġew bi ħġarhom għal din l-okkażjoni. Tistgħu timmaġinaw x'ferħ ħass il-poplu Senglean f'dik il-lejla, waqt li kien miġbur madwar il-Bambina, wara tant taqtigħ il-qalb minħabba l-maltemp.



*Il-Kardinal Giacomo Lercaro milqugħ mis-Sengleani fix-Xatt tal-Isla fl-1971*

tad-deheb dekorati b'ħaġar prezzjuż, u tpoġġiet f'riġlejn il-Bambina. Dakinhar, il-poplu Senglean kien offra d-deheb u anke flus sabiex setgħet issir din il-fergħa bil-ward. Dak iż-żmien jien kont għadni kif dħalt abbati. Niftakar li ġa kien hemm Ġużeppi Baron li wara l-Kan. Dun Ġwann Xerri kien beda jieħu ħsiebna l-abbatini. Jien niftakar l-aktar lil Ġużeppi Baron u warajh lil Dun Anton Gouder, illum Monsinjur, li kienu jieħdu ħsiebna, u lil Ġużeppi Baron niftakru bħala bniedem ta' dixxiplina kbira magħna, kemm meta konna nkunu l-knisja u iżjed meta konna nkunu l-Museum, għax għal min ma jafx, Ġużeppi Baron kien is-superjur tal-Museum tal-Isla. Kien f'dik is-sena, forsi minħabba l-entużjażmu tal-okkażjoni li konna qegħdin nikkomemoraw, li jien flimkien ma' ħbieb oħra tampari bdejna ninżlu l-maħżen tal-festa, li sa dak iż-żmien kien għadu fil-wesgħa ta' fejn illum hemm il-parkeġġ kif tidħol mill-mini fuq il-lemin. Għadni niftakar ir-riħa qawwija ta' umditą li kien ikun hemm f'dan il-maħżen, li kienet tibqa' mwaħħla miegħek u mal-ħwejjeġ li tkun liebes.

Iċ-ċerimonja prinċipali għal dak l-avveniment kellha ssir nhar l-4 ta' Settembru 1971 u għal darb'oħra fix-xatt, propjament fil-post fejn ħamsin sena qabel kienet ġiet inkurunata l-Bambina. Iżda t-temp dakinhar ma kien

Għal din l-okkażjoni kien ġie mill-Vatikan l-Kardinal Giacomo Lercaro, u dan kien ingħata merħba kbira mill-folla numeruża li niżlet ix-xatt biex tilqgħu, peress li wasal "it-terrace" tal-Isla, kif konna nsejħulu dak iż-żmien, permezz ta' lanċa. Kienu tellgħuh mix-xatt b'karozzella fost entużjażmu kbir mill-poplu Senglean. Kien propju dan il-Kardinal li flimkien mal-Arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Kan Dun Ġwann Sladden, li poġġa l-warda tad-deheb f'riġlejn il-Bambina. Jien ftit niftakar eżatt x'ġara dakinhar peress li f'dak il-mument propju kont fuq l-artal abbati, u ta' dik l-età żgħira ftit kont





*Il-Kardinal Giacomo Lercaro jqiegħed il-warda tad-deheb f'riġlejn il-Bambina nhar l-4 ta' Settembru 1971*

nista' nifhem l-importanza ta' dak li kien qiegħed jiġri. Però l-anzjani tagħna jgħidulna dwar l-entużjażmu li kien hemm fost dawk is-Sengleani li kienu miġbura fil-Bażilika f'dak il-mument tant mistenni, meta minn fuq skalapisa magħmula apposta għal dik l-okkażjoni, dehru telgħin bil-mod il-Kardinal Lercaro u l-Arċipriet Sladden, u hekk kif il-Kardinal bies riġlejn il-Bambina u poġġa dik il-warda tad-deheb, li kienet is-simbolu tal-imħabba li aħna s-Sengleani dejjem kellna lejn Ommna Marija Bambina, il-poplu Senglean infexx f'ċapċipa waħda u f'għajta ta' ferħ għal dak li kien qiegħed jara jseħħ quddiem għajnejh. Il-murtali u l-musketterija komplew iżidu mal-ewforija ta' dak il-mument, u anke ndaqqet mota ta' ferħ waqt li ġie intonat it-*Te Deum*. Kollox kien f'ħinu u f'waqtu, u għalkemm kif ġa għidt, dakinhar it-temp ma kienx favur tagħna, żgur li ma nistgħux ngħidu l-istess għall-funzjoni li saret fil-Bażilika, għaliex kienet waħda ta' suċċess, u li tat sodisfazzjon lil kull min ħadem u stinka biex dik is-serata tirnexxi.

Kien imiss is-sena 1996, is-sena li fiha kellna nfakkru l-75 sena mill-inkurunazzjoni tal-Bambina. Ħafna minna, speċjalment dawk tal-età tiegħi jew ftit iżgħar għadhom jiftakru sewwa ċ-ċelebrazzjonijiet kbar li kienu saru, tista' tgħid matul is-sena kollha.

Għalhekk mhux se nidħol f'ħafna dettall ta' x'kien sar, għax żgur li dak li nkun qed nikteb, ħafna minnkom għextuh bħali, jew min jaf kemm-il darba rajtuh fuq vidjos li wara ġew maqluba għal fuq CD's, peress li kien ġie rrekordjat kull avveniment li kien sar matul dik is-sena, xi ħaġa li ma setgħetx issir fl-anniversarji l-oħra li semmejt qabel, minħabba li t-teknoloġija ma kinitx għadha żviluppata bl-istess mod li kienet f'dik is-sena. Għalkemm fl-1971, kienu nġibdu filmati li anke jien rajt uħud minnhom, u għalkemm mhumiex daqshekk ċari, xorta huma rikordju sabiħ u li wieħed għandu jippreserva. Però xtaqt biss infakkar f'dak l-avveniment storiku li kien sar, meta kienet ittieħdet il-Bambina fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Niftakar sewwa dawk il-jumejn li damet hemm, peress li f'dak iż-żmien jien kont naħdem il-Belt, u kont nitlaq kmieni aktar mis-soltu għax-xogħol, sabiex qabel ngħaddi l-Konkatidral u nittawwal lill-Bambina tagħna. Kont inħossni veru kburi li jien Senglean, meta kont nisma' l-kummenti sbieħ ta' nies li kienu jistgħaġbu bis-sbuħija u l-ġmiel ta' dik l-istatwa. Kont nogħxa nismagħhom ifaħħru l-Bambina tagħna, u tabilħaqq kellhom raġun tafux, għax kif qal sewwa s-Sindku tal-Belt ta' dak iż-żmien is-Sur Hector Bruno, il-Bambina kienet żejnet mhux biss il-Konkatidral, iżda l-Belt Valletta kollha. Dan mhux qed ngħidu jien bħala Senglean, iżda huwa kliem is-Sindku tal-Belt, u ntqal waqt id-diskors tiegħu fuq iz-zuntier tal-Konkatidral, qabel ma l-Bambina nġiebet lura lejn beltna. X'jum kien dakinhar għalina n-nies tal-Isla. Tista' tgħid li kull min seta' dakinhar ġie l-Belt biex jakkumpanja l-Bambina lura lejn l-Isla. Kien hemm atmosfera inkredibbli fil-Belt, bil-baned idoqqu l-innijiet popolari tagħna u innijiet oħra Marjani, il-murtali li





*Il-Bambina fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta f'Awwissu tas-sena 1996*





*Il-Bambina ħierġa mill-bieb ewlieni tal-Konkatidral ta' San Ġwann, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 1996*

bdew jinħarqu mill-Isla kienu jinstemgħu sewwa mill-Belt, u t-toroq kienu mżejna għall-okkażjoni. Ir-reffiegħa li refgħu l-Bambina l-Belt, kienu Beltin magħżula mill-Parroċċi ta' San Pawl, San Duminku u dawk tal-Karmnu, li qasmu r-refgħat matul it-toroq li jagħtu għax-Xatt tal-Belt. Il-Kapitlu Senglean immexxi mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Mons. Vinċenz Cachia, li ħadem qatigħ u bla heda biex dik is-sena tkun waħda vera memorabbli, akkumpanja l-Bambina mill-Konkatidral sax-Xatt tal-Belt, u l-poplu Senglean li mexa wara l-Istatwa tal-Bambina jkanta l-innijiet popolari tagħna flimkien mal-kor tal-parroċċa, li kien ukoll preżenti peress li dakinhar konna mexxejna l-kant tal-quddiesa fil-Konkatidral. Qed ngħid konna għax jien f'dawk is-snin kont ukoll membru fil-kor tal-parroċċa. Niftakar il-mument li l-Bambina waslet ix-Xatt tal-Belt u sabet dawk l-opri kollha tal-baħar jistennew il-wasla tagħha, id-dgħajjes tar-regatta tagħna flimkien ma' dawk tad-distretti l-oħra kienu kollha hemm bil-qaddiefa tagħhom, kull tip ta' laneċ kbar u żgħar kienu qegħdin hemm, jgħabbu n-nies biex jaqsmu bil-baħar lejn l-Isla. Il-Bambina tgħabbiet fuq barkun misluf mid-*Drydocks* u mżejjen għall-okkażjoni. Ħsejjes li jtarrxu ta' ħornijiet, suffarelli, musketterija u fuq kollox il-kant u l-għajjat ta' ferħ tal-poplu Senglean instemgħu jidwu mal-Port il-Kbir, hekk kif il-barkun telaq mill-Belt fi triqtu lejn l-Isla. X'ferħ ħassejna dakinhar, kemm bkejna bil-ferħ meta bdejna resqin lejn ix-Xatt tal-Isla, u rajna folol kbar oħra jistennew il-wasla tal-Bambina lura ġewwa l-belt tagħha; anke bħalissa li qed nikteb dawn il-memorji qabżitli demgħa għax veru kien mument li kull meta niftakar fih inħossni qiegħed ngħixu mill-ġdid. Niftakar il-fjakkoli fuq il-gardjola u l-mixegħla tul ix-xatt kollu, u dawk il-murtali tal-kulur u l-blalen li ma qatgħu xejn telgħin, wieħed wara l-ieħor, in-nies ixejru mkatar bil-wiċċ għażiż tal-Bambina tagħna, kemm minn fuq il-laneċ u anke dawk li kienu jistennew ix-Xatt tal-Isla. Għadni qiegħed nara x-Xatt tal-Birgu mimli bin-nies, li niżlu biex isegwu dak kollu li kien qiegħed iseħħ fix-Xatt tal-Isla. Niftakar il-barkun jittrakka mal-moll fost ċapċip ma jaqta' xejn, u aħna li konna r-reffiegħa furtunati li dakinhar kellna nerfgħu l-Bambina mix-Xatt lura lejn il-Bażilika, kollha ħerqana biex inħossu dak il-piż fuq spallejna, nistennew bla sabar fuq il-moll ħdejn il-barkun. Kienet l-ewwel darba li l-istatwa tal-Bambina daħlet proċessjonalment mill-Mina tal-Isla, bħala l-istatwa titulari ta' beltna. Qiegħed ngħid bħala statwa titulari, għax ħafna snin ilu, wara l-pesta tal-1813, kien sar pellegrinaġġ b'ringrazzjament lil Alla talli l-pesta ma daħlitx fl-Isla, skont kif inhu dokumentat kemm f'kotba fl-arkivju tal-parroċċa u anke f'dawk ċivili. Dan il-pellegrinaġġ sar bl-istatwi tar-Redentur, Santu Rokku u l-Bambina, li sa dak iż-żmien kienet għadha tissejjaħ



L-istatwa tal-Bambina qed tiddaħħal proċessjonalment mill-Mina tal-Isla, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 1996, wara li nġiebet mill-Belt Valletta

l-Immakulata Kunċiżżjoni, u telaq mill-Isla sal-Knisja tal-Porto Salvo fil-Birgu u lura, u nassumi li dakinhar il-purċissjoni wkoll ħarġet u daħlet mill-Mina, li sa dak iż-żmien kienet l-unika daħla għall-Isla. Din il-ġurnata li fakkartkom fiha kienet waħda mill-isbaħ ġranet ta' ħajti, u li żgur ma nista' ninsieha qatt. Inħossni kburi u furtunat mhux biss li għext dawk il-mumenti hekk sbieħ, iżda wkoll li flimkien ma' ħafna oħrajn, tajt is-sehem tiegħi biex dawn il-festi jirnexxu u jibqgħu mfakkra għall-ġenerazzjoni ta' warajna.

Din is-sena qegħdin nippreparaw biex niċċelebraw anniversarju ieħor importanti għalina s-Sengleani. Din id-darba mhux biex infakkru l-Inkurunazzjoni tal-Bambina, iżda propju l-wasla providenzjali tal-istatwa nnifisha ġewwa beltna fl-1618. Għal dan l-anniversarju ġew imħejjija bosta avvenimenti u sar ħafna xogħol minn wara l-kwinti biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ikunu wkoll memorabbli bħal dawk ta' qabilhom. Però ħaġa li jista' jara kulħadd huma l-kwantità ta' proġetti li saru f'dawn l-aħħar snin, u li jekk taqbad issemmihom żgur li tħalli minnhom barra. Rajna z-zuntier jinbena mill-ġdid biex issa għandna wieħed isbaħ milli kellna, ġew konservati u restawrati l-iskulturi li nstabu mal-pilastri tal-Bażilika, sar xogħol estensiv fl-Awla Kapitulari sabiex l-ispazju jkun użat aħjar, ġie restawrat l-orgni, ġew restawrati l-kaxxarizzi tas-sagristija, tkompla l-pavimentar tal-irħam fil-Bażilika, ġie mnaddaf sewwa l-Oratorju tal-Kurċifiss, ma nafx kemm il-pittura u kwadru ġew restrawrati dan l-aħħar, fosthom il-kwadri tal-Via Sagra, kif ukoll il-kwadru titulari l-antik li kien imwaħħal mas-saqaf fl-Awla Kapitulari, u li kellu ħsara kbira, ix-xogħol li sar u għadu sejjer fiċ-Ċentru Marija Bambina u anke l-uffiċċju parrokkjali l-ġdid, li huwa tant utli biex fih isiru l-laqgħat konnessi max-xogħol pastorali li jsir fil-parroċċa, ir-restawr tal-Knisja ta' San Ġiljan li għalkemm ħa fit-tul issa huwa lest ukoll, u ħafna xogħol ieħor li jien ma ftakartx u allura ma semmejtux f'din il-kitba. Però żgur li l-akbar proġett li qatt sar f'dawn l-aħħar snin fil-Bażilika, kien bla dubju ta' xejn il-konservazzjoni u r-restawr tal-għeżeż żewġ teżori li għandna, l-istatwa tar-Redentur u l-istatwa tal-Bambina. Min qatt ħolom li xi darba xi ħadd kien se jagħmel dak ix-xogħol hekk kbir fuq dawn iż-żewġ statwi. Kif jafu ħafna, kien sar xi restawr fuq ir-Redentur snin twal ilu, u anke l-Bambina ġieli forsi ġiet irtukkata f'xi postijiet żgħar, imma żgur li mhux bil-mod estensiv u professjonali li sar fuqhom din is-sena. Biex sar ir-restawr li sar dan l-aħħar fuq dawn l-istatwi, ried ikun hemm persuna ta' kuraġġ kbir u b'determinazzjoni qawwija, li b'responsabbiltà kbira ma beżax jieħu din id-deċiżjoni, li forsi ħafna oħrajn qagħdu lura minnha minħabba r-riskju li jġib miegħu proġett bħal dan. Din il-persuna ma hija ħadd ħlief l-Arċipriet tagħna l-Kan. Dun Robin Camilleri, li bl-entużjażmu u l-għaqal tiegħu, wara bosta laqgħat ta' konsultazzjoni ma' nies professjonisti f'xogħolhom, kif ukoll wara pariri minn persuni oħra li tista' toqgħod fuqhom, ħa d-deċiżjoni biex jinbeda r-restawr fuq dawn iż-żewġ statwi hekk importanti mhux għalina s-Sengleani biss, iżda għal Malta



Il-Kan. Arċipriet Dun Robin Camilleri, li bit-tħabrik tiegħu sar ir-restawr fuq l-istatwi tal-Bambina u r-Redentur



L-Istatwa tal-Bambina wara r-restawr estensiv li sar fuqha fis-sena 2017 mill-kumpanija Maltija **Atelier Del Restauro**

kollha. U dan waqt li kienu għadhom għaddejjin proġetti oħra importanti li ġa semmejt aktar qabel. Jekk Alla jrid, din is-sena se nkunu aħna li se nfakkru dan l-avveniment hekk storiku għal beltna. B'dawn il-proġetti kollha li saru ġa nħoss li ġa ċċelebrajna bil-kbir dan l-anniversarju, iżda naf li l-festi l-kbar li bihom sejrin infakkru l-miġja tal-Bambina fostna għadhom ġejjin. Li huwa żgur hu li din is-sena qegħdin naraw ix-xbieha tal-Bambina u



Ix-xbieha mirakoluża ta' Ġesù Redentur wara r-restawr li sar fuqu bejn is-sena 2017 u fil-bidu ta' din is-sena mill-kumpanija Maltija **Atelier Del Restauro**

anke dik tar-Redentur fl-istat oriġinali tagħhom, eżatt kif kienu jarawhom missirijietna fl-imgħoddi. Jien inħoss li dan huwa l-akbar wirt li se nħallu lil uliedna, il-Bambina u r-Redentur fid-dehra tagħhom ta' mijiet ta' snin ilu, għalkemm lill-Bambina matul iż-żmien libbisnieha bl-aħjar mod possibbli li wieħed jista' qatt jimmaġina, ħaġa li missirijietna kienu dejjem joħolmu li jagħmlu.

Għalhekk din is-sena nagħtu s-sehem tagħna u ngħinu f'kulma jkun hemm bżonn, sabiex nerġgħu għal darb'oħra nagħmlu festi kbar lil Ommna Marija Bambina, kif dejjem għamlu missirijietna. Nagħmlu l-almu tagħna sabiex dan l-anniversarju jkun ieħor memorabbli fost il-kullana ta' tifkiriet sbieħ li għandna aħna s-Sengleani, u b'hekk inkunu qegħdin nerġgħu nuru l-imħabba li sawru missirijietna ġewwa fina sa minn ċkunitna lejn Ommna Marija Bambina.

Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l-festa t-tajba lis-Sengleani kollha, speċjalment lil dawk li ma jistgħux igawdu l-festa magħna minħabba xi mard jew problemi oħra, u jalla Marija Bambina u Sidna Ġesù Redentur ikomplu jbierku lill-Isla u s-Sengleani.




Sharon's Nursery
Early Childhood Education
Mrs. Sharon Spiteri
Mobile No. 7980 9297
114, Carmel Street, Fgura
Tel: 2180 9297
• Fully Licensed
• Sign Language provided if needed
• Free childcare Government Scheme
All carers are qualified in early childhood education and first aid.